MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 771/2001/3

**Avukat Dottor Victor Emanuel Ragonesi**

**v.**

**Albert Stagno Navarra u Perit Frank Giordmaina Medici f'isimhom propriu u bħala diretturi u a nom ta' Heritage Estates Limited, u l-istess Heritage Estates Limited.**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

1.1 Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuti Albert Stagno Navarra u l-Perit Frank Giordmaina separatament fejn qegħdin jitolbu li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tal-14 ta' Novembru 2005 mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili billi filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tagħhom tiċħad it-talbiet attrici bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.

**1.2 <u>Is-sentenza appellata:</u>**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili bis-sentenza tagħha mogħtija fl-14 ta' Novembru 2005 kienet iddecidiet il-kawża billi caħdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti *proprio* u kkundannathom flimkien *in solidum* iħallsu lill-attur is-somma ta' erbgħin elf lira (Lm40,000), flimkien ma' l-imghaxijiet u l-ispejjez mitluba fic-citazzjoni. Għall-aħjar intendiment ta' dan l-appell, is-sentenza appellata qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"F'din il-kawża l-attur bħala ċessjonarju ta' drittijiet qiegħed jitlob illi jintraddu flus imħallsa fuq konvenju akkont tal-prezz ta' bejgħ ta' proprjetà billi l-bejgħ baqa' ma seħħx.

"Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fl-10 ta' Marzu 2000 il-konvenut Albert Stagno Navarra f'isem is-soċjetà konvenuta *Heritage Estates Limited* kien intrabat b'konvenju li jbigħ lil Alexander Kazitsine il-*penthouse* numru għoxrin (20) u l-*garage* numru tnax (12) fil-korp ta' bini li jismu *Sunrise Court* fi Triq it-Tamar, il-Qawra, San Pawl il-Baħar, bil-prezz t'erbgħin elf lira (Lm40,000) b'kollox, u bil-pattijiet kollha li jidhru fuq il-konvenju.

"Il-prezz kollu t'erbgħin elf lira (Lm40,000) tħallas lis-soċjetà konvenuta meta sar il-konvenju.

"Fil-konvenju s-soċjetà konvenuta kienet intrabtet illi trodd is-somma t'erbgħin elf lira (Lm40,000) lix-xerrej imwiegħed jekk il-bejgħ ma jseħħx għal raġunijiet imputabbli lill-konvenuta. Il-konvenuta fil-fatt biegħhet il-proprjetà lil terzi, u qatt ma għarrfet lil Kazitsine jew lir-rappreżentant tiegħu f'Malta b'dan il-bejgħ. Għalhekk, il-

bejgħ imwiegħed bil-konvenju tal-10 ta’ Marzu 2000 ma setax isir, u dan għal raġunijiet imputabbli lill-konvenuta.

“Is-somma t’erbgħin elf lira (Lm40,000) ma ntradditx lil Kazitsine, u dan, igħid l-attur, huwa abbuż u qerq min-naħa tad-diretturi tas-soċjetà konvenuta, li għandhom iwieġbu personalment.

“B’kitba tat-3 ta’ Diċembru 2000 l-attur kiseb b’ċessjoni l-jeddijiet kollha ta’ Alexander Kazitsine taħt il-konvenju tal-10 ta’ Marzu 2000, u għalhekk għandu l-jedd illi jitlob u jirċievi s-somma t’erbgħin elf lira (Lm40,000) flimkien ma’ l-imgħaxijiet u l-ispejjeż.

“L-attur għalhekk fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti *proprio et nomine* jroddu s-somma t’erbgħin elf lira (Lm40,000) għar-raġunijiet miġjuba fuq, flimkien ma’ l-imgħax legali mit-28 ta’ Marzu 2000 u l-ispejjeż, fosthom dawk ta’ l-ittra uffiċjali tas-17 ta’ Jannar 2001 u tar-rikorsi tad-19 ta’ Jannar 2001.

“L-attur kien talab ukoll illi l-kawża tinqata’ bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċedura sommarja speċjali.

“B’sentenza mogħtija fis-26 ta’ Ġunju 2001 il-Qorti laqgħet it-talbiet ta’ l-attur safejn magħmula kontra s-soċjetà *Heritage Estates Limited*, iżda b’digriet tal-5 ta’ Ġunju 2001 ordnat illi kontra l-konvenuti Stagno Navarra u Giordmaina Medici “il-konvenuti *proprio*” l-kawża tkompli miexja bil-proċeduri normali, u l-konvenuti *proprio* ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

“1. ebda wieħed minnhom ma għandu relazzjoni ġuridika ma’ l-attur, u għalhekk kull wieħed minnhom għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju;

“2. huma dejjem kienu *in bona fide* u ma wettqu ebda qerq jew abbuż, la kontra l-attur u lanqas kontra terzi, iżda wettqu biss id-dmirijiet tagħhom taħt il-liġi;

“3. bil-kitba tat-3 ta’ Diċembru 2000 l-attur ma kisibx il-jedd li tintradd lilu s-somma t’erbgħin elf lira (Lm40,000) u

dak il-jedd baqa' biss tas-soċjetà *Alerting Enterprises Limited*; u

"4. ebda wieħed mill-eċċipjenti ma għandu jagħti lill-attur.

"Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk:

"B'kitba privata tal-10 ta' Marzu 2000 is-soċjetà konvenuta *Heritage Estates Limited*, li tagħha l-konvenuti *proprio* huma diretturi, kienet intrabtet li tbiegħ proprjetà immobbli — *penthouse* u *garage* — lil Alexander Kazitsine bil-prezz t'erbgħin elf lira (Lm40,000) li tħallas kollu lis-soċjetà fuq il-konvenju. Il-konvenju kellu jorbot sal-31 ta' Diċembru 2000 u fih ukoll dawn il-pattijiet:

"(i) The purchaser undertakes to renounce to all his rights and obligations arising under this Private Writing and, in furtherance of the above, to be substituted by any third party on the final deed of sale, in any event in which the Vendor, during the Period of Validity of this Private Agreement as above, chooses to sell and transfer the Property to any third party other than the Purchaser.

"(ii) The Vendor undertakes irrevocably to pay to Alerting Enterprises Limited on behalf of the Purchaser the total sum of forty thousand Maltese Liri (Lm40,000) in full and final settlement of the purchase price already paid by the purchaser in any event in which the final deed of sale is not concluded between the Parties for any reason imputable to the Vendor, within the period of validity of this Private Agreement.

"Ġara illi s-soċjetà konvenuta b'kuntratt magħmul fit-28 ta' Marzu 2000 — anqas minn tliet ġimgħat wara l-konvenju ma' Kazitsine — biegħhet il-*penthouse* lil terzi bil-prezz ta' tlieta u għoxrin elf lira (Lm23,000), iżda baqgħet ma radditx l-erbgħin elf lira (Lm40,000) lil Kazitsine.

"B'kitba privata tat-3 ta' Diċembru 2000 Kazitsine ċeda l-jeddijiet tiegħu taħt il-konvenju lill-attur, u l-attur fetaħ din il-kawża tallum għar-radd ta' l-erbgħin elf lira (Lm40,000).

"Fit-tielet eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti *proprio* jgħidu illi l-jedd illi tieħu lura l-erbgħin elf lira (Lm40,000) jmiss lis-soċjetà *Alerting Enterprises Limited* u mhux lil Kazitsine. Kazitsine ma setax iċedi lill-attur jedd li ma kienx tiegħu u għalhekk l-attur ma kisibx il-jedd li l-erbgħin elf lira (Lm40,000) jintraddu lilu.

"Billi din l-eċċezzjoni tolqot il-leġittimità attiva ta' l-attur biex imexxi b'din il-kawża, jeħtieġ li nqisu lilha l-ewwel.

"Fil-konvenju tal-10 ta' Marzu 2000, Kazitsine kien iddelega lil *Alerting Enterprises Limited* biex tirċievi l-ħlas f'ismu fil-każ illi l-bejgħ ma jseħħx u għalhekk il-prezz ikollu jintradd lill-bejjiegħ imwiegħed. *Alerting Enterprises Limited* kienet biss delegata biex tirċievi l-ħlas f'isem Kazitsine; ma kienitx ċessjonarja tal-jedd għall-ħlas u l-jedd baqa' ta' Kazitsine li seta' għalhekk iċedih lil terzi. Iċ-ċessjoni favur l-attur għalhekk saret sew minn min kien titolari tal-jedd ċedut, u l-eċċezzjoni tal-konvenuti għalhekk hija ħażina.

"Għal din ir-raġuni l-Qorti tiċħad it-tielet eċċezzjoni, li tqisha bħala waħda x'aktarx frivola.

"L-ewwel eċċezzjoni wkoll hija waħda preliminari, u tolqot din id-darba l-leġittimità passiva tal-konvenuti *proprio* għax tgħid illi dawn ma għandhom ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur u għalhekk għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju.

"Il-konvenju ma sarx mal-konvenuti *proprio* iżda mas-soċjetà *Heritage Estates Limited*, li tagħha l-konvenuti *proprio* huma diretturi. L-erbgħin elf lira (Lm40,000) kienu tħallsu lis-soċjetà, mhux lill-konvenuti *proprio*, u għalhekk id-debitriċi għar-radd tal-flus hija s-soċjetà.

"Hija din ir-raġuni għala l-konvenuti *proprio* qegħdin igħidu illi ma għandhomx relazzjoni ma' l-attur u illi għandhom għalhekk jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju.

"Li kieku din l-azzjoni kienet biss għar-radd ta' flus li tħallsu bħala prezz ta' bejgħ li ma seħħx, u li għalhekk qegħdin jinżammu *sine causa*, l-eċċezzjoni tal-konvenuti *proprio* kienet tkun tajba. L-attur iżda qiegħed igħid illi l-konvenuti *proprio* mxew b'qerq u, billi *fraus omnia corrumpit*, huma marbuta personalment ukoll biex iroddu l-frott tal-qerq. Ladarba hemm ukoll din il-premessa għat-talba ta' l-attur, l-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa' u l-kawża jkollha timxi kontra l-konvenuti *proprio* biex il-Qorti tara jekk tassew kienx hemm qerq.

"Dan iwassalna għall-meritu tal-kawża kontra l-konvenuti *proprio*: jekk dawn imxewx b'qerq jew b'abbuż, kif igħid l-attur, jew jekk imxewx *in bona fide*, kif igħidu huma fit-tieni eċċezzjoni tagħhom. L-oneru biex jagħmel prova tal-qerq qiegħed fuq l-attur.

"Il-konvenuti *proprio* huma diretturi tas-soċjetà *Heritage Estates Limited*. Id-diretturi ta' soċjetà għandhom dmirijiet ta' *bona fides* mhux biss lejn is-soċjetà nfisha u lejn l-azzjonisti, iżda wkoll lejn il-kredituri, aktar u aktar meta l-assi tas-soċjetà ma humiex biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għad-djun tagħha. Id-diretturi għandhom id-dmir illi ma jmexxux lis-soċjetà b'mod illi l-beni tagħha, li huma l-garanzija komuni tal-kredituri[1], jonqsu hekk illi s-soċjetà ma tkunx tista' tħallas djunha.

"Fil-każ tallum, is-soċjetà konvenuta fl-10 ta' Marzu 2000 daħlet f'dejn taħt kundizzjoni sospensiva li trodd erbgħin elf lira (Lm40,000). Il-kundizzjoni kienet illi s-soċjetà ma tkunx tista' tbiegħ lil Kazitsine l-proprjetà li għaliha dan kien ġà ħallasha erbgħin elf lira (Lm40,000). Tmintax-il (18) jum wara, dik il-kundizzjoni seħħet b'għemil tas-soċjetà stess, għax parti mill-istess proprjetà biegħhetha lil terzi.

"B'għemil tagħha stess, għalhekk, is-soċjetà, immexxijja mid-diretturi, ġiegħlet li sseħħ kundizzjoni li għamlitha debitriċi ta' erbgħin elf lira (Lm40,000) u ma nqdiet la bl-erbgħin elf lira (Lm40,000) li kienet irċeviet fl-10 ta' Marzu

---

1 Art. 1995, Kod. Civ.

2000 u lanqas bit-tlieta u għoxrin elf lira (Lm23,000) li rċeviet fit-28 ta' Marzu 2000 biex tħallas id-dejn tagħha, meta tmexxija għaqlija kienet trid illi d-dejn jitħallas minnufih billi jintraddu l-flus li kienu qegħdin jinżammu *sine causa*.

"Sallum id-dejn għadu ma tħallasx.

"Jekk is-soċjetà konvenuta fit-28 ta' Marzu 2000 setgħet tħallas id-djun tagħha, mela kienet immexxija ħażin kontra l-interess tal-kredituri tagħha jekk id-dejn ma tħallasx; jekk ġà dak iż-żmien ma setgħetx tħallas id-djun tagħha, mela kienet ukoll immexxija ħażin meta, bil-bejgħ tal-proprjetà lil terzi flok lil Kazitsine, ħolqot dejn ieħor li ma setgħetx titħallas. F'kull każ, huma d-diretturi, li f'idejhom il-liġi tħalli t-tmexxija tas-soċjetà, li jwieġbu għal din it-tmexxija ħażina li, fil-fehma tal-Qorti, *res ipsa loquitur* illi hija *culpa lata quæ dolo æquiparatur.*

"L-Art. 147(2) ta' l-Att dwar il-Kumpaniji Kap. 386 igħid hekk dwar responsabbiltà tad-diretturi:

"**147.**(2) Direttur ma jkunx responsabbli għall-għemil tad-diretturi l-oħra jekk jipprova jew –

"(*a*) li ma kienx jaf bil-ksur tad-dmir qabel jew waqt li jkun qed isir il-ksur u li meta sar jaf bih wara li jkun sar wera minnufih lid-diretturi l-oħra d-disapprovazzjoni tiegħu bil-miktub; jew

"(*b*) illi, meta kien jaf illi d-diretturi l-oħra kellhom ħsieb li jikkommettu ksur ta' dmir, ħa l-passi kollha xierqa biex jevitah.

"Huwa fuq id-diretturi l-oneru li jagħmlu l-prova li trid din id-dispożizzjoni tal-liġi biex jinħelsu mir-responsabbilità, u din il-prova l-konvenuti ma għamluhiex. Għalhekk huma flimkien għandhom iwieġbu lejn l-attur għan-nuqqas doluż tad-dmir tagħhom li jmexxu s-soċjetà fdata f'idejhom b'mod li ma jkunx ta' ħsara għall-interessi tal-kredituri.

“Għal din ir-raġuni t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti *proprio* hija miċħuda wkoll.

“Il-Qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *proprio*, tikkundannahom flimkien *in solidum* iħallsu lill-attur is-somma t’erbgħin elf lira (Lm40,000) flimkien ma’ l-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.”

**<u>Ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenut Albert Stagno Navarra :</u>**

2. Il-konvenut Albert Stagno Navarra *proprio* ħassu aggravat bis-sentenza appellata u interpona appell minnha.

Fl-ewwel lok huwa jaccenna għall-fatt li kienet is-socjeta` Heritage Estates Ltd. u mhux hu jew il-Perit Frank Giordmaina Medici personalment, li kellhom relazzjoni ma’ Alexander Kazitsine jew Alerting Enterprises Ltd.

B’referenza għall-fatt li fit-talba attrici ġie attribwit lilu u lil Giordmaina Medici “abbuż u frode” minħabba li s-somma ta’ Lm40,000 ma ġietx ripagata lil Kazitsine, huwa jissottometti illi l-attur ma ressaq l-ebda forma ta’ prova f’dan ir-rigward, u lanqas biss ma ressaq prova li huma kienu effettivament id-diretturi tas-socjeta`.

L-appellant Stagno Navarra jisħaq ħafna fuq il-punt li jekk is-socjeta` naqset billi ma ħallsitx l-Lm40,000 lil Alerting Enterprises Ltd. dan tirrispondi għalih is-socjeta`, u żgur ma jistax jingħad li dan il-fatt fih innifsu jikkostitwixxi frodi da parti tiegħu jew ta’ l-appellant l-ieħor Giordmaina Medici f’xi grad li tirrendihom responsabbli personalment.

Jargumenta ukoll l-appellant Stagno Navarra li l-elementi u l-grad ta’ malvaġita` tal-frodi, l-għemil doluż u l-ingann huma ben definiti fil-ġurispudenza tagħna, u li l-frodi u l-għemil doluż ma jistax jiġi preżunt imma għandu jiġi pruvat minn min jallegah.

L-appellant Stagno Navarra jilmenta ukoll li l-Qorti għamlet diversi assunzjonijiet li ma ġewx pruvati: li hu u Giordmaina Medici huma diretturi tas-socjeta` Heritage Estates Ltd., li s-socjeta` ma kellhiex assi sufficjenti biex jagħmlu tajjeb għad-djun, li sad-data tas-sentenza d-dejn kien għadu ma tħallasx, li Kazitsine kien interessat jixtri l-proprjeta`, li bil-bejgħ li sar lil terzi minflok lil Kazitsine is-socjeta` Heritage Estates ħolqot dejn ieħor li ma setgħetx tħallas. Huwa jargumenta li kien minħabba dawn l-assunzjonijiet li l-Ewwel Qorti erronjament ikkonkludiet li d-diretturi aġixxew ħażin u li kellhom iwieġbu għat-tmexxija ħażina.

Finalment jirreferi għall-Artikolu 147(2) tal-Kap 386 (L-Att Dwar il-Kumpaniji) applikat mill-Ewwel Qorti u jsostni li d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subinċiż ma kellu qatt jiġi applikat f'din il-kwistjoni meta l-prova tal-frodi kien jinkombi fuq l-attur.

**Ir-risposta ta' l-appell ta' l-appellat Dr. Victor Ragonesi għar-rikors ta' l-appell ta' Albert Stagno Navarra :**

3. L-appellat Dr. Victor Ragonesi wieġeb biex igħid għaliex l-appell ta' Albert Stagno Navarra għandu jiġi miċħud u s-sentenza tal-14 ta' Novembru għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.

Fl-ewwel lok jirreferi għas-sottomissjonijiet fir-risposta ta' l-appell tiegħu għall-appell ta' Frank Giordmaina Medici u jirrileva li dawn huma applikabbli *mutatis mutandis* lil Albert Stagno Navarra.

Dwar l-asserzjoni ta' Stagno Navarra li fis-subbasta li fiha hu kien offra *animo compensandi* huwa kien għamel offerti in eccess għas-sodisfazzjon ta' Lm40,000, l-appellat igħid li din hija waħda falza għaliex ma' tali somma wieħed irid iżid l-interessi akkumulati u l-ispejjeż ġudizzjarji.
L-appellat isemmi ukoll li l-Heritage Estates Ltd. ittrasferiet il-proprjeta` għall-prezz ta' Lm25,000 u jinsisti li hija somma wisq dubbjuża.

L-appellat finalment jispjega li huwa kien ħarrek lil Giordmaina Medici u lil Stagno Navarra personalment għaliex għall-mod kif agixxew b'dannu għalih, il-komportament tagħhom jammonta għal frodi u l-Ewwel Qorti kellha raġun tapplika l-Artikolu 147(2) ta' l-Att Dwar il-Kumpaniji (Kap 386).

**<u>Ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut Frank Giordmaina Medici :</u>**

4. Il-konvenut Frank Giordmaina Medici *proprio* ukoll ħassu aggravat mis-sentenza appellata u interpona appell minnha.

Huwa fl-ewwel lok jinsisti li kien inqata' mit-tmexxija effettiva tas-socjeta` Heritage Estates Ltd. f'Settembru 1997, u għalhekk ħafna qabel l-iskrittura ta' l-10 ta' Marzu 2000.

Huwa jaccenna għall-Artikolu 147(2) tal-Kap 386 (L-Att Dwar il-Kumpaniji) li hu l-artikolu li applikat l-Ewwel Qorti u jispjega li dan l-artikolu qiegħed f'kuntest li jirreferi għad-dmirijiet li għandhom id-diretturi lejn il-kumpanija u mhux lejn il-kredituri. Jirreferi ukoll għas-sentenza mogħtija f'"<u>Brian Theuma vs Chris Cachia pro et nomine</u>"[2] fejn intqal li direttur ta' kumpanija jidħol responsabbli personalment għal kummerc ħażin jew kummerc bi frodi flimkien mal-kumpanija innifisha fil-każ biss meta l-kumpanija tkun fi stat ta' stralc, u jinsisti li dan l-artikolu mhux applikabbli għall-każ in kwistjoni.

Jargumenta ukoll li l-qerq reklamat mill-attur fil-premessi tac-citazzjoni ma kien qerq xejn iżda kien fatt ikkontemplat qabel ma ġiet iffirmata l-iskrittura ta' l-10 ta' Marzu 2000 u l-istess skrittura tipprovdi għal tali eventwalita`. Huwa jsostni li din il-kawża hija kawża semplici għar-rifużjoni ta' ħlas; kawża għall-ħlas ta' debitu u mhux kawża għal dikjarazzjoni ta' qerq u likwidazzjoni ta' danni konsegwenzjali.

---

[2] Citazzjoni 537/03TM deciża mill-Prim' Awla fl-14 ta' Ottubru 2004.

Iżid igħid ukoll li bil-fatt li l-Ewwel Qorti għaddiet biex iddecidiet il-kwistjoni ta' qerq da parti tal-konvenuti huwa gie ppreġudikat. Inkonsapevoli mit-triq li kienet ser tagħżel il-Qorti, huwa ma ġabx il-provi rilevanti biex jikkonfermaw il-*bona fide* tiegħu. Anzi jgħid, li bil-fatt li l-attur ma ressaq l-ebda prova dwar qerq huwa ma kellu xejn x'jirribatti.

Finalment l-appellant Giordmaina Medici jirreferi għas-sentenza li ottjena l-attur kontra s-socjeta` konvenuta fis-26 ta' Ġunju 2001, liema sentenza ġiet ikkonfermata fl-appell fis-6 ta' Dicembru 2002 u jirrileva li l-attur esegwixxa dik is-sentenza billi biegħ in subbasta proprjeta` tal-kumpanija konvenuta u offra *animo compensandi* a sodisfazzjon ta' l-ammonti kollha dovuti lilu.

**<u>Ir-risposta ta' l-appell ta' l-appellat Dr. Victor Ragonesi għar-rikors ta' l-appell ta' Frank Giordmaina Medici:</u>**

5. L-appellat Dr. Victor Ragonesi wieġeb biex igħid għaliex l-appell ta' Frank Giordmaina Medici għandu jiġi miċħud u s-sentenza tal-14 ta' Novembru għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant.

Dwar id-difiża ta' Stagno Navarra li hu ma kellux it-tmexxija effettiva qabel Marzu 2000, l-appellat jirrileva li skond Dok VER 1 Giordmaina Medici kien iddimetta minn direttur fil-21 ta' Mejju 2002 jiġifieri iżjed minn sentejn wara li sar il-konvenju. In oltre, jgħid l-appellat, Giordmaina Medici fl-eccezzjonijiet tiegħu ma eccepiex li hu ma kienx direttur jew socju tas-socjeta` konvenuta.

L-appellat iqajjem il-punt li l-fond ġie trasferit lil terzi tmintax-il ġurnata wara l-konvenju u allegatament bil-prezz ta' LM25,000, u mhux bi prezz ogħla minn Lm40,000 sabiex is-socjeta` jkollha qliegħ ikbar.

Huwa jinsisti li Giordmaina Medici ma ħax il-misuri kollha idonei u rikjesti legalment biex meta l-proprjeta` tinbiegħ lil terzi, is-somma ta' Lm40,000 tiġi mħallsa lil min kienet dovuta u lanqas ma qal kemm fil-fatt inbiegħ il-fond lil

terzi. Fil-fehma ta' l-appellat dan mhux komportament li jista' jiġi kkonsidrat li hu in *bona fede*.

Dwar il-proceduri tas-subbasta msemmija mill-appellant Frank Giordmaina Medici, l-appellat jirrileva li dawn ma humiex definittivi għaliex il-Bank of Valletta ppreżenta żewġ citazzjonijiet quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili[3] biex jannulla l-effetti tas-subbasta għal dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet tiegħu. Iżid igħid li ukoll fl-eventwalita` li dawn iż-żewġ kawżi jiġu definiti a favur tiegħu il-pretensjonijiet tiegħu ma jiġux kompletament sodisfatti.

**Kwadru tal-fatti:**

6. Fl-10 ta' Marzu 2000 sar konvenju[4] bejn Heritage Estates Ltd (li tagħha l-konvenuti *proprio* kienu d-diretturi) u Alexander Kazitsine, li permezz tiegħu Heritage Estates Ltd. intrabtet li tbiegħ lil Alexander Kazitsine għall-prezz ta' erbgħin elf Lira Maltija (Lm40,000) *penthouse* internament immarkat bin-numru 20, f'Sunrise Court, Triq it-Tamar, Qawra, flimkien ma' *garage* sotterran accessibbli mill-istess triq. Fuq il-konvenju ġie dikjarat li s-socjeta` venditrici kienet diġa` rceviet l-ammont kollu.

Il-konvenju kien validu sal-31 ta' Dicembru 2000 u kien jikkontempla s-sitwazzjoni fejn is-socjeta` venditrici tagħżel li tbiegħ lil terzi minflok lil Kazitsine fiż-żmien li fih il-konvenju jkun għadu jorbot. F'dak il-każ is-socjeta` venditrici kellha tirrifondi lix-xerrej is-somma mħallsa minnu.

*"2(i) The purchaser undertakes to renounce to all his rights and obligations arising under this private writing and, in furtherance of the above, to be substituted by any third party on the final deed of sale, in any event in which*

---

3 Fid-19 ta' Ottubru 2004, Nru 789/04 NC, "Bank of Valletta plc vs Avukat Dr Victor Ragonesi u Albert Stagno Navarra, Frank Giordmaina Medici f' isimhom propju u għan-nom tal-Heritage Estates Ltd. u l-istess Heritage Estates Ltd.", u fit-18 ta' Frar 2005, Nru 179/05 GC, "Bank of Valletta plc vs Avukat Dottor Victor E Ragonesi"

4 Vera kopja esebita a fol 5 – 7 tal-process

*the vendor, during the period of validity of this private agreement as above, chooses to sell and transfer the property to any third party other than the purchaser.*

*2(ii) The vendor undertakes irrevocably to pay to Alerting Enterprises Ltd on behalf of the purchaser the total sum of forty thousand Maltese Liri (Lm40,000) in full and final settlement of the purchase price already paid by the purchaser in any event in which the final deed of sale is not concluded between the parties for any reason imputable to the vendor, within the period of validity of this private agreement."*

Jirriżulta li fit-28 ta' Marzu 2000[5] is-socjeta` venditrici Heritage Estates Ltd. biegħhet il-*penthouse* mertu tal-konvenju ta' l-10 ta' Marzu 2000 lil terzi: lill-konjuġi Joseph u Mary Grace Scicluna għall-prezz ta' Lm25,000.

Nonostante l-klawsola 2(ii) tal-konvenju ta' l-10 ta' Marzu 2000, l-erbgħin elf Lira Maltija (Lm40,000) baqgħu ma ntraddux lura da parti tas-socjeta` Heritage Estates Ltd. Permezz tal-kitba privata tat-3 ta' Dicembru 2000[6], Kazitsine ceda d-drittijiet tiegħu taħt il-konvenju lil Dr. Victor Ragonesi, l-attur odjern. Dr. Victor Ragonesi fetaħ din il-kawża kontra Heritage Estates Ltd u wkoll d-diretturi tagħha *proprio*. It-talba ġiet milqugħa fil-konfront ta' Heritage Estates Ltd permezz tas-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ġunju 2001, liema sentenza ġiet ikkonfermata minn din il-Qorti – il-Qorti ta' l-Appell – fis-6 ta' Dicembru 2002. Il-kawża tkompliet fil-konfront tal-konvenuti *proprio* u permezz tas-sentenza ulterjuri tal-14 ta' Novembru 2005, li minnha gew intavolati l-odjerni appelli, it-talbiet fil-konfront tal-konvenuti *proprio* ġew ukoll milqugħa mill-ewwel Qorti bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

Ir-relazzjoni ġuridika tal-konvenuti proprio ma' l-attur:

[5] Kopja tar-reġistrazzjoni tat-trasferiment a fol 8
[6] Kopja a fol 10 - 12

7. Fin-noti ta' l-eccezzjonijiet tagħhom, il-konvenuti *proprio* eccepew li ma għandhomx relazzjoni ġuridika ma' l-attur u li għalhekk kellhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Ir-raġuni għaliex l-Ewwel Qorti ma laqgħetx din l-ewwel eccezzjoni tagħhom kienet proprju għaliex fil-premessi tac-citazzjoni ta' l-attur tqajmet l-allegazzjoni li huma mxew b'qerq:
"Peress li s-somma ta' Lm40,000 ma ġietx ripagata lil Alexander Kazitsine u dan jikkonstitwixxi abbuż u <u>frode</u> da parti tad-diretturi tas-socjeta` konvenuta, li huma personalment responsabbli." (sottolinear tal-Qorti)

Kif irriteniet ben tajjeb l-Ewwel Qorti, minħabba din il-premessa fejn tqajjem il-qerq da parti tal-konvenuti *proprio*, <u>il-kawża kellha timxi mhux biss kontra s-socjeta` konvenuta, iżda ukoll kontra l-konvenuti *proprio* biex jiġi stabbilit jekk tassew kienx hemm l-allegat qerq da parti tagħhom</u> ukoll, nonostante l-fatt li l-konvenuti *proprio* ma kellhomx relazzjoni legali direttament ma' l-attur.

Għall-istess raġuni, ghandu jsegwi illi l-aggravju tal-konvenut Albert Stagno Navarro li kienet is-socjeta` Heritage Estates Ltd, u mhux hu jew Frank Giordmaina Medici personalment, li kellha relazzjoni ma' Alexander Kazitsine u/jew Alerting Enterprises Ltd huwa ukoll infondat.

<u>Dwar min kienu d-diretturi tas-socjeta` konvenuta.</u>

8. Dwar min kienu sewwa sew id-diretturi tas-socjeta` konvenuta, l-appellant Stagno Navarra fir-rikors ta' l-appell tiegħu jilmenta li l-ewwel Qorti "assumiet" li kemm hu u kemm il-perit Giordmaina Medici huma d-diretturi tas-socjeta` konvenuta Heritage Estates Ltd, filwaqt pero` li dan il-fatt ma jirriżultax mill-atti. L-appellant Giordmaina Medici, min-naħa tiegħu, isostni li bħala fatt huwa inqata' mit-"tmexxija effettiva" tal-kumpanija f'Settembru 1997 u għalhekk ħafna qabel ma sar il-konvenju tal-proprjeta` <u>*de quo*</u>.

Huwa minnu li ma tressqux provi da parti ta' l-attur appellat li l-konvenuti *proprio* effettivament kienu d-diretturi tas-socjeta`, iżda jiġi osservat li minkejja l-fatt li l-kawża ġiet intavolata ukoll kontra Albert Stagno Navarra u Frank Giordmaina f'Medici ' isimhom propju u "bħala diretturi u għan-nom tas-socjeta` Heritage Estates Ltd.", l-ebda wieħed minnhom ma eccepixxa jew ikkontesta li din il-parti tat-tahrika fl-att tac-citazzjoni hija guridikament inkorretta. Di piu`, is-sottomissjoni da parti ta' Giordmaina Medici fl-ewwel aggravju tiegħu, fis-sens li hu ma kellux it-"tmexxija effettiva" tas-socjeta` konvenuta fiż-żmien li sar il-konvenju surreferit, juri bic-car li mhux qed jinnega li fil-fatt kien direttur tas-socjeta`.

Dwar l-allegat frodi de parti tal-konvenuti 'proprio'.

9.1 Skond l-appellat: il-fatt li l-Lm40,000 ma tħallsux lura mis-socjeta` Heritage Estates Ltd jikkostitwixxi "abbuż u frode" da parti tad-diretturi tagħha, jigifieri z-zewg konvenuti appellanti.

Skond l-Ewwel Qorti: is-socjeta` Heritage Estates kienet immexxija ħażin mid-diretturi tagħha (il-konvenuti *proprio*) meta wara li biegħhet lil terzi hija ma rrifondietx l-Lm40,000 li kienu qed jinżammu *sine causa*. L-ewwel Qorti kompliet tirraguna, li jekk sa dakinhar li biegħhet lil terzi ma kellhiex biex tħallas l-Lm40,000, dan l-agir ukoll jammonta għal tmexxija ħażina. Għalhekk ikkonkludiet li d-diretturi kellhom iwieġbu lejn l-attur għat-"tmexxija ħażina" tagħhom li hija ekwiparat ma' "għemil doluż".

9.2 Il-qofol tal-aggravju taz-zewg appellanti konvenuti *proprio* huwa dan: il-fatt li s-socjeta` konvenuta mmexxija mill-konvenuti *qua* diretturi ma rrifondietx l-Lm40,000 dovuti lill-attur kien jammonta għal "qerq" da parti tal-konvenuti *proprio*?

Huwa pacifiku li sabiex wieħed jitkellem fuq "qerq" da parti ta' debitur fir-rigward ta' kreditur, irid jiġi pruvat li d-debitur għamel xi att li bih ippreġudika l-pożizzjoni tal-kreditur u wkoll li kien konsapevoli ta' l-effetti preġudizzjevoli ta' l-att tiegħu fil-konfront tal-kreditur.

Fil-fehma ta’ l-attur appellat, il-fatt li s-socjeta` Heritage Estates Ltd. ma ħallsitx lura l-Lm40,000, fih innifsu jammonta għal “qerq” da parti tad-diretturi li kienu jmexxuha. Imbagħad fir-risposta tiegħu għall-appell ta’ Frank Giordmaina Medici, huwa jilmenta għall-fatt li l-Heritage Estates Ltd. biegħhet il-proprjeta` lil terzi allegatament għall-prezz ta’ Lm25,000 *“u mhux bi prezz ogħla minn Lm40,000 biex l-istess socjeta` jkollha qliegħ akbar.”* Fir-risposta tiegħu għall-appell ta’ Albert Stagno Navarra b’referenza għal dan il-bejgħ li sar lil terzi jgħid *“..il-kuntratt ta’ trasferiment jindika s-somma ta’ Lm25,000 li, għal raġunijiet riżultanti mill-provi tal-processi riferiti, hija wisq dubjuża”*

9.3 Jidher ghalhekk mis-suespost li l-appellat huwa xi ftit konfuż dwar fuqhiex qed jibbaża l-element ta’ “frode” reklamat minnu fil-konfront tal-konvenuti personalment. Skond is-sitt premessa tac-citazzjoni tiegħu, l-allegat qerq kien jikkonsisti fil-fatt li s-socjeta` Heritage Estates Ltd sempliciment ma rrifondietx l-Lm40,000. Mir-risposta ta’ l-appell tiegħu jidher li donnu qed jinferixxi l-qerq mill-fatt li l-istess socjeta` Heritage Estates Ltd biegħhet lil terzi għal prezz baxx wisq – fis-sens illi donnu qed jinsinwa li għażlet li ma tagħmilx qliegħ akbar biex tagħmel lilha nnfisha inqas solvibbli.

9.4 Dwar is-sitt premessa tac-citazzjoni, din il-Qorti ma tarax kif il-fatt li ma tħallasx debitu minn socjeta` kummercjali jista’ jiġi ekwiparat ma’ agir frawdolenti fil-konfront tad-diretturi tagħha personalment. Zgur ma jistax wieħed jargumenta li l-fatt li ma tħallasx id-dejn fih innifsu necessarjament jammonta għal frodi. Certament jirrizulta li s-socjeta` naqset mill-obbligi kontrattwali tagħha meta minkejja li biegħhet lil terzi baqgħet ma rrifondietx l-Lm40,000, iżda din il-Qorti ma tarax kif dan il-fatt jista’ jiġi interpretat bħala att frawdolenti da parti tal-konvenuti *proprio* meta huma kienu qed jagixxu _qua_ diretturi tagħha. Li kieku sar xi att partikolari posterjorment għall-kreditu u permezz ta’ tali att is-socjeta` Heritage Estates Limited sfat insolvibbli, f’dak il-każ kreditur jista’ jallega frodi da parti tad-diretturi u jitlob ir-revoka ta’ tali tatt permezz ta’ l-

azzjoni pawljana jew revokatorja. Iżda dan ma kienx il-każ in kwistjoni.

9.5 Il-prova dwar l-allegazzjoni ta' qerq da parti taz-zewg konvenuti appellanti, kienet fl-ewwel lok tinkombi kjarament fuq min qieghed jallegah, jigifieri fuq l-attur u mhux fuq min qieghed jichadha.

Issa minn ezami tal-provi, tali prova hija skarsa ghall-ahhar. Hemm biss accenn _en passant_ f'forma ta' allegazzjoni fid-dikjarazzjoni mahlufa akkompanjanti c-citazzjoni (ara fol. 3), segwita minn tismija fl-affidavit tal-attur (fol. 9, Dok C) fejn bhala bazi ghall-allegat qerq hemm hekk "peress li l-imsemmija somma ma gietx restitwita". Imbaghad hemm nota (ara fol. 35) – mhux guramentata – pprezentata mill-attur kontenuti fatti li suppost graw _wara_ l-prezentata tac-citazzjoni attrici. Fiha l-attur jallega li rcieva telefonata minghand Dottor John Mizzi li, skond l-attur, "irrisponda li ma hemmx flus u l-attur sottoskritt qallu li dak il-fatt kien jammonta ghal frode."

9.6 L-attur ippreżenta ittri mill-APS Bank, mil-Lombard Bank, mill-Bank of Valletta u mill-HSBC, kollha datati Ġunju 2001, li juru li s-socjeta` attrici ma kellhiex flus jew effetti oħra fl-imsemmija banek lokali. Dan il-fatt waħdu ma jfissirx li s-socjeta` m'għandhiex assi. Mhux talli ma ġietx pruvata l-insolvibilita` tas-socjeta` Heritage Estates Ltd. talli wisq anqas ġiet ippruvata l-insolvibilita` tas-socjeta` bħala konsegwenza diretta ta' xi att frawdolenti. U certament li ma ġietx ippruvata lanqas l-insolvibilita` tas-socjeta` bħala konsegwenza tal-fatt li l-Lm40,000 ma ġewz rifużi lill-attur appellat.

9.7 Dwar il-bejgħ tal-proprjeta` _de quo_ lil terzi, li skond l-appellat sar għal prezz baxx wisq, din il-Qorti lanqas biss hija obbligata tikkunsidraha ladarba l-"frode" reklamat fis-sitt premessa tac-citazzjoni mhux abbinat ma' dan il-bejgħ lil terzi għal dan il-prezz allegament tant baxx, iżda huwa invece abbinat mal-fatt li l-Lm40,000 ma ġewx rifużi. Għall-grazzja ta' l-argument pero` jiġi osservat li skond ir-reġistrazzjoni tat-trasferiment tal-propjeta` lil terzi esebit mill-attur, dak li s-socjeta` Heritage Estates Ltd. biegħhet

lil terzi ma kienx il-*“penthouse”* u l-garaxx li kienu jiffurmaw il-mertu tal-konvenju bejn il-Heritage Estates Ltd. u Kazitsine, iżda l-*“penthouse”* biss, u għalhekk l-allegat prezz ma jidhirx affattu dubjuż jew suspettuż.

L-artikolu 147(2) ta’ l-Att dwar il-Kumpaniji (Kap 386):

10.1 Finalment din il-Qorti a skans ta’ kull ekwivoku, tħoss li għandha tikkunsidra wkoll u b’mod approfondit l-Artikolu 147(2) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta’ Malta applikat mill-Ewwel Qorti għall-każ odjern. Kif diġa` intqal, l-ewwel Qorti ekwiparat l-inadempjenza da parti tas-socjeta` Heritage Estates Ltd. li tirrifondi l-Lm40,000 lil Kazitsine ma’ tmexxija ħażina da parti tad-diretturi tagħha, u dehrilha li huwa “*res ipsa loquitur*” illi din it-tmexxija ħażina tammonta għal għemil doluż (interpretazzjoni li din il-Qorti ma tikkondividix).

10.2 L-ewwel Qorti wara li ekwiparat l-inadempjenza tas-socjeta` ma’ għemil doluż da parti tad-diretturi li jmexxuha, irriferiet għall-Artikolu 147(2) ta’ l-Att dwar il-Kumpaniji li jistipula hekk:

“Direttur ma jkunx responsabbli għall-għemil tad-diretturi l-oħra jekk jipprova jew –

(a) li ma kienx jaf bil-ksur tad-dmir qabel jew waqt li jkun qed isir il-ksur u li meta sar jaf bih wara li jkun sar wera minnufih lid-diretturi l-oħra d-disapprovazzjoni tiegħu bil-miktub; jew

(b) illi, meta kien jaf illi d-diretturi l-oħra kellhom ħsieb li jikkommettu ksur ta’ dmir, ħa l-passi kollha xierqa biex jevitah.”

L-Ewwel Qorti abbażi ta’ dan l-artikolu applikat l-inverżjoni tal-provi fuq id-diretturi. Hija rriteniet illi huwa fuq id-diretturi l-oneru li jagħmlu l-prova li trid din id-dispożizzjoni tal-liġi biex jinħelsu mir-responsabbilita` u ladarba din il-prova l-konvenuti ma għamluhiex huma flimkien għandhom iwieġbu lejn l-attur għan-*“nuqqas doluż tad-*

*dmir tagħhom li jmexxu s-socjeta` fdata f' idejhom b' mod li ma jkunx ta' ħsara għall-interessi tal-kredituri".*

10.3 Iż-żewġ appellanti ma ħassewx li dan l-artikolu kellu jiġi applikat fil-każ in kwistjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-konvenuti appellanti ghandhom legalment ragun. Din il-Qorti tibda billi tosserva li dan l-artikolu fuq citat jinsab fil-Kapitolu VIII – Tmexxija u Amministrazzjoni. Hija eżaminat l-artikoli relattivi taħt dan il-kapitolu u, kif korrettament argumenta l-appellant Frank Giordmaina Medici, jidher li dawn jirrigwardaw id-dmirijiet li għandhom id-diretturi lejn il-kumpanija mhux lejn il-kredituri. Hekk per eżempju l-Artikolu 136A(1) jirrikjedi li direttur jaġixxi "*b' onesta` u bona fide fl-aħjar interessi tal-kumpanija"*; l-Artikolu 138(3) jirrikjedi li d-diretturi jiżguraw li s-segretarju ikun individwu li jkollu t-tagħrif u esperjenza meħtieġa biex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu; l-Artikolu 143(1) jipprojbixxi lid-diretturi tal-kumpanija li jikkonkorru mal-kumpanija mingħajr l-approvazzjoni ta' l-istess kumpanija; l-Artikolu 145 jirrikjedi li direttur jiddikjara l-interess li jkollu f'kuntratt mal-kumpanija u li jekk jonqos li jagħmel dan jista' jeħel penali. Huwa għalhekk fil-kuntest ta' dawn l-artikoli li wieħed irid japplika l-Artikolu 147(2) li għalih accennat l-ewwel Qorti. Fil-fatt is-sub-Artikolu (1) ta' l-Artikolu 147 igħid hekk:

"(1) Ir-responsabilita` tad-diretturi għad-danni għal xi ksur ta' dmir ikun in solidum:

Iżda meta dmir partikolari jkun ġie mogħti lil wieħed jew iżjed mid-diretturi, dak id-direttur jew diretturi biss ikunu responsabbli għad-danni"

10.4 Din il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li l-Artikolu 147(2) citat mill-ewwel Qorti ma kellux jiġi applikat fic-cirkostanzi tal-każ odjern. Mhux il-każ li d-diretturi jagħmlu xi prova biex jeħilsu mir-"responsabilita`" għad-"dolo" (inġustament) attribwit lilhom, iżda kien invece l-każ li l-prova ta' l-allegata frodi jew għemil doluż da parti tad-diretturi ssir mill-attur, liema prova ma saritx.

11. Dejjem taht dana l-ahhar aspett, din il-Qorti jidrilha opportun li taghmel riferenza ghad-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet: Brian Theuma v. Chris Cachia proprio et nomine deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 2008, (citata wkoll mill-appellanti), liema decizjoni kkonfermat id-decizjoni kif gia` moghtija mill-ewwel Qorti. Ghalkemm dik id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell kienet impernjata fuq kwistjoni relattiva ghal aggravji rigwardanti l-validita` o meno tan-notifika tal-partijiet, l-ewwel Qorti kienet gia` rriteniet – korrettement il-fehma ta' din il-Qorti – kif gej:

"L-attur qed jallega li l-konvenut (omissis) ghandu jinstab personalment responsabbli ghal dan id-dejn li tqarraq (recte qarraq) bil-kredituri meta kompla jinnegozja, u specifikament, kompla jaghti appalt lill-attur, meta kien jaf jew kellu jkun jaf li s-socjeta` konvenuta ma kinitx fi stat li thallas l-obbligazzjonijiet taghha ghalkemm l-agir lamentat jista' jwassal ghal dikjarazzjoni ta' responsabilita` personali ta' direttur, tali responsabilita` personali tista' tigi dikjarata biss waqt li kumpanija tkun fi process ta' stralc, u dana a tenur ta' l-Artikoli 315 u 316 ta' l-Att tal-1995 Dwar il-Kumpaniji (Kap. 386). Fil-fatt l-Artikolu 316 jiddisponi illi l-Qorti tista' taghmel dikjarazzjoni ta' responsabilita` personali, minghajr ebda limitazzjoni 'meta kumpanija tkun giet xolta u tkun insolventi u jkun jidher li persuna li kienet direttur tal-kumpanija kienet taf, jew kellha tkun taf qabel ix-xoljiment tal-kumpanija, li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpanija setghet tevita xoljiment minhabba l-insolvenza taghha.' Hekk ukoll hija l-posizzjoni fl-Ingilterra minn fejn ahna adattajna l-ligi l-gdida dwar il-kumpaniji. Fil-ktieb Farrar's Company Law (Edit. 1998 ref. 739) jinghad li biex direttur jinsab responsabbli ta' *'wrongful trading';*

*""The conditions are that the company has gone into liquidation, and it appears that then company continued trading after a point in time before the commencement of the winding-up when the director knew or ought to have concluded that ther was no reasonable prospect that the company would avoid going into solvent liquidation".*

"Issa huwa minnu li l-attur avvanza l-pretenzjoni tieghu vis-à-vis iz-zewg konvenuti proprio taht il-kappa generika ta' "qerq", izda l-allegazzjoni (mhux frivola) min-naha tieghu m'hija xejn ghajr dik ta' allegazzjoni ta' '*wrongful trading'* da parti taz-zewg konvenuti qua diretturi tas-socjeta` Heritage Estates Limited. Kif allura tajjeb qalet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet, Theuma v. Cachia noe et surreferita;

""F'din il-kawza, l-attur ma ressaq ebda talba ghall-istralc tal-kumpanija konvenuta. L-attur seta' talab l-istralc taht il-provvediment ta' l-Artikolu 218 ta' l-indikat Kap. 386, u l-Qorti kienet tkun f'posizzjoni li taghti l-ordnijiet opportuni, ghall-istralc tal-kumpanija u l-hlas tad-debiti taghha taht l-Artikolu 315 (responsabilita` ghal kummerc hazin). Fin-nuqqas ta' talba ghall-istralc, il-Qorti, pero`, ma tistax tipprocedi b'dak il-mod mitlub."

"Din il-Qorti tikkondividi pjenament dina l-enuncjazzjoni tal-ligi u kwindi ssegwi li kif ipprocediet l-ewwel Qorti kien evidentement zbaljat u jfisser ukoll li l-aggravju tal-appellanti huwa fondat."

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-appelli tal-konvenuti proprio u thassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Novembru 2005 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi tilqa' t-tieni u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenuti *proprio* (u cioe` li huma dejjem agixxew in buona fede u ma kkommettew ebda abbuz jew frodi, u li ma humiex debituri tal-attur) u ticħad it-tieni talba attrici fil-konfront tal-konvenuti *proprio* (u cioe` li huma jigu kkundannati jirrifondu lill-attur is-somma ta' Lm40,000 bl-interessi legali mit-28 ta' Marzu 2000).

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------